*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,778, 2 ta' Frar, 2022*

*Taqsima B*

**A.L. 46 tal-2022**

**ATT DWAR L-EDUKAZZJONI**
**(KAP. 327)**

**L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

**It-Titlu**

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 25 tal-2016, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2021 jew wara.

**L-Emenda għall-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali**

3. Minflok l-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"9. F'każijiet fejn l-applikant ikollu nuqqas ta' għarfien f'oqsma partikolari mhux koperti fil-grad tiegħu/tagħha, il-Bord, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Istudji jista' jeħtieġ li l-applikant isegwi u jgħaddi minn taqsimiet studju suppplimentari ta' livell 4 jew anqas li għalihom hemm assenjati mhux aktar minn 12-il krettu ECTS."

**L-Emenda għall-ordinament 16 tal-ordinamenti prinċipali**

4. Minflok l-ordinament 16 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"16. (1) Għall-programmi ta' studju bir-riċerka kif speċifikat fl-ordinament 8, l-istudenti huma meħtieġa jiltaqgħu mas-superviżur tagħhom mill-anqas darba kull xahrejn, u barra minn hekk aktar spiss jekk is-superviżur jidhirlu li dan hu meħtieġ.

(2) Is-superviżuri huma meħtieġa li jagħtu lill-Bord tal-Istudji rapporti dwar l-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom, fl-aħħar ta' kull semestru ta' studji. L-istudenti għandhom jitolbu l-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji għal kwalunkwe modifikazzjoni fit-titlu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni

(3) Il-Bord tal-Istudji għandhu jinforma lill-Bord kif xieraq dwar il-progress ġenerali ta' kull student. Dan il-parir jista' jinkludi rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li l-kondizzjonijiet speċifikati fis-sotto-paragrafi (i) u (ii) tal-paragrafu (6) tal-ordinament 12 għandhom japplikaw f'dawn il-każijiet."